**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XLVIII**
**Appell Nru: 22/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Carmel Magri)**

**Vs**

**ANTHONY BORG**

**Illum, 14 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Anthony Borg mahruga f'isem il-Kontrollur tad-Dwana w l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, talli fis-7 ta'Ottubru, 1999, wara intervent u tfittxija li saret mill-Ufficcjali tal-Pulizija fil-fond "Gharghur Band Club", Misrah il-Knisja, Gharghur, instab li kien fil-pussess billi kellu depozitat ghandu flixkun Vodka tal-litru tal-marka Smirnoff, u dan bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju li jkun imissu jithallas u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni u/jew billi b'xi mod jiddisponi minn dawn l-oggetti.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 25 ta'Jannar, 2001, li biha sabet lill-Anthony Borg hati ta' din l-akkuza, u, ghalhekk, ikkundannatu fuqha gimgha prigunerija, b'dan illi, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9, dan it-terminu ta'prigunerija gie sospiz ghal zmien sitt xhur.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 5 ta'Frar, 2001, li bih talab li din il-Qorti tibdel, tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija, izda tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali jikkonsisti filli filwaqt li hass li l-ewwel Qorti kienet korretta fis-sejbien ta'htija fl-appellat Anthony Borg u fejn ikkundannatu ghall-piena ta'prigunerija, mill-banda l-ohra, skond hu, dik il-

Qorti, ghalkemm setghet tissosspendi dik il-piena ta'prigunerija ai termini ta' l-Artikolu 28 A (1) tal-Kap. 9., ma setghetx, izda, tiffissa zmien ta' sitt xhur sospensjoni ghaliex dan iz-zmien huwa anqas minn dak li tiddisponi l-ligi.

Fil-fatt l-appellant Avukat Generali ghandu ragun. L-Artikolu 28 A (1) tal-Kap. 9 jghid car u tond li meta il-Qorti tordna li piena ta'prigunerija tigi sospiza, iz-zmien ta' sospensjoni m'ghandhux ikun anqas minn sena u mhux aktar minn erba snin.

Ghalhekk hu evidenti li l-ewwel Qorti qatt ma setghet tipprefiggi zmien ta' anqas minn sena, kif fil-fatt ghamlet meta stabbilit sitt xhur zmien bhala z-zmien ta' sospensjoni tal-piena ta' prigunerija.

Ghalhekk l-appell ta' l-Avukat Generali qed jigi milqugh b'dan li din il-Qorti, filwaqt li qed tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn sabet u dikjarat lill-appellat hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih, kif ukoll fil-parti fejn imponiet fuqu piena ta' prigunerija, qedha tvarja u rittiforma s-sentenza appellata billi tirrevoka z-zmien ta' sospensjoni mpost mill-ewwel Qorti, dak ta' sitt xhur mid-data tas-sentenza, u, minflok, timponi zmien ta' sena mid-data tas-sentenza. Il-Qorti qed tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur